Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 363/2013

**Golden Harvest Mfg Co. Ltd (C176)**
**(appellata)**

**Vs**

**Dott John Attard Montalto**
**(ID 116853M)**
**(appellant)**

6 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2013,[1] is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-intimat iħallasha is-somma ta' tlett elef, ħames mija u sitta u sebgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,576.58) rappreżentanti danni sofferti minnha fil-fond proprjetà tagħha li jinsab fil-pjan terran fil-blokk ta' bini numru 121, The Promenade, Tower Road, Sliema, u dana bħala riżultat ta' nuqqas ta' ħsieb, diliġenza u prudenza da parte tiegħu, bl-ispejjeż.

2. Permezz ta' risposta datata 12 ta' Marzu 2014,[2] l-intimat wieġeb illi mhuwiex legittimu kontradittur tat-talbiet attriċi billi ma kienx personalment involut fl-inċident *de quo*, u li mhuwiex minnu li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ bħala riżultat ta' nuqqas ta' ħsieb, diliġenza jew prudenza da parti tiegħu.

3. Fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2014,[3] in vista ta' l-eċċezzjoni preliminari, il-Qorti l-inverżjoni tal-provi.

[1] Fol. 1
[2] Fol. 9
[3] Fol. 10

4. B'sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015[4] l-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari għar-raġuni li meta sid ta' fond jinkariga terzi biex jagħmlulu ċertu xogħol fil-proprjetà tiegħu għad-danni li jistgħu jsofru terzi, jaħtu t-tnejn.

5. B'sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, il-Qorti ddeċidiet il-każ fil-mertu billi **ċaħdet** l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat, u **kkundannat** lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlett elef, ħames mija u sitta u sebgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,576.58) rappreżentanti danni li sofriet fil-fond propjeta' tagħha li jinsab fil-pjan terran fil-blokk ta' bini numru 121, The Promenade, Tower Road, Sliema, spejjeż u imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-intimat.

6. L-intimat Av. Dott. John Attard Montalto appella kemm mid-deċiżjoni in parte tal-4 ta' Ġunju 2015 kif ukoll mid-deċiżjoni finali tad-9 ta' Ġunju 2016. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:
   i. illi m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress li ma kienx involut personalment fl-inċident *de quo* u lanqas ma kien il-kuntrattur Joe Cachia, illi huwa kien qabbad biex jagħmel ix-xogħlijiet fuq il-proprjetà tiegħu, iżda kien lavrant ta' Cachia li ma kienx imqabbad minnu. Jgħid għalhekk li l-prinċipju ta' *culpa in eligendo* f' dan il-każ ma japplikax; u

   ii. l-prova tal-ħsara fuq il-proprjetà tas-soċjetà appellata kienet tinkombi esklussivament fuq l-istess soċjetà, li kienet obbligata ġġib l-aħjar prova, liema prova ma saritx.

7. Illi permezz ta' risposta datata 18 ta' Lulju 2016, l-appellata wieġbet illi l-appell tal-intimat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt filwaqt li ż-żewġ sentenzi mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2015 u fid-9 ta' Ġunju 2016 jistħoqqilhom konferma.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

8. Illi l-<u>fatti</u> kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

   - L-intimat huwa sid ta' żewġ sulari, internament immarkati 7 u 8 fil-blokka 121, Tower Road, Sliema u kien inkariga lill-kuntrattur Joe Cachia li kien ġie lilu rakkomandat lilu;

[4] Fol. 40 et seq.

- Waqt li kien għaddej ix-xogħol, waqgħat biċċa *brick* għall-isfel li kissret il-*perspex* li bih kienet imsaqqfa parti mill-bitha tal-appartament fil-fond terran appartenenti lir-rikorrenti. Jirriżulta li din twaqqagħat minn lavrant tal-kuntrattur;

- L-**intimat** xehed li ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident;[5]

- **Mark Aquilina**, rappreżentant tar-rikorrenti, xehed li waqt laqa' tal-*condominium* l-intimat kien infurmah li kien keċċa lill-kuntrattur li kien qiegħed jaħdimlu iżda ma riedx jagħtih id-dettalji tal-imsemmi kuntrattur għalhekk ma setgħux ifittċu lilu.[6]

- **Joe Cachia**, il-kuntrattur in kwistjoni, xehed li huwa għandu kumpanijja bl-isem Power Cut Limited li għandha diversi impjegati. Huwa ikkonferma li għamel diversi xogħlijiet fil-fond proprjeta tal-intimat f' 121 Tower Road, Sliema. Dwar il-ħsarat illi saru fil-*perspex* tar-rikorrenti jgħid li ma kienx fuq il-post u ma jaf b'xejn u sar jaf biss meta ċempillu xi ħadd da parti tar-rikorrenti dwar il-ħsara fl-i*skylight* tagħhom. Xehed li ma jiftakarx min kienu l-ħaddiema li kellu hemmhekk peró meta kien saqsihom kienu qalulu li kienu qed inaddfu xi terrapien u jista' jkun li waqgħet biċċa *bricks* pero lanqas biss kienu ndunaw. Sussegwentement kien mar fuq il-post biex jivverifika l-ħsara u mill-appartament tal-intimat li huwa tmien sulari ogħla mill-fond tar-rikorrenti, seta' jara l-*perspex* mifqugħ. Jgħid ukoll li l-intimat ma kienx ħallsu tal-aħħar xogħlijiet minnu mwettqa minħabba id-danni kawżati b' riżulat tal-ġebel li waqa minn fuq għal isfel.[7]

- Skont rapport imħejji u maħluf mill-**Perit Edward Micallef**,[8] li kien ġie ngaġġat mir-rikorrenti sabiex jiddiżinja u jissorvelja xogħlijiet ta' ristrutturar fil-fond li għandha f'Tower Road Sliema, fl-4 ta' Frar 2011 huwa kien ġie nfurmat li wieħed mid-*double skin skylights* li kien għadu kif ġie nstallat fil-bitha fuq in-naħa ta' wara kien ġie danneġġat bi bricks li waqgħu waqt xogħlijiet strutturali f'wieħed mill-fondi sovrasanti. Kien minnufih mar jispezzjona dawn il-ħsarat li rrriżultaw *beyond repair* u ħa r-ritratti mehmuża mar-rapport.

---

[5] Fol. 13
[6] Fol. 18 et seq.
[7] Fol. 35 et seq.
[8] Fol. 45 et seq.

- Ġiet ukoll eżebita fattura maħruġa minn Andrew Vassallo General Trading Ltd. fis-6 ta' Lulju 2012 u mmarkata 'paid 26 Nov 2012' fl-ammont ta' €3,576.58 għal '*supply and install skylight made from poly carbonate double glazed, size 170cm x 270cm with clips*' u fuqha hemm indikat bil-biro '*Damaged skylight Tower Rd*';[9]

- Il-Perit xehed[10] illi '*ix-xogħlijiet kienu qed isiru fuq l-istess blokk mis-sulari ta' fuq; mingħalija s-seba' sular. L-iskylights li konna għażilna kienu qegħdin apposta li jirreżistu ċertu impact. Imma ovvjament li jaqgħu l-bricks mis-seba' sular kien daqxejn impossibbli*'. Ippreżenta '**Dok EM1**' li juri l-elevazzjoni tal-binja, fejn kienu l-*iskylights* u minn fejn waqgħu l-bricks.

9. Illi permezz tal-**ewwel aggravju** tiegħu, l-intimat appellant jinsisti li huwa m' huwiex il-leġittimu kontradittur f' din il-kawża in kwantu huwa kien ingaġġa lil Joe Cachia bħala kuntrattur iżda mhux il-lavrant mqabbad minn Cachia. Għalhekk il-prinċipju tal-*culpa in eligendo* u l-ġurisprudenza ikkwotata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza preliminari appellata tal-4 ta' Ġunju 2015 ma japplikawx fil-konfront tal-intimat appellant.

10. Fit-tweġiba tagħha, l-appellata rreferiet għas-segwenti provi:

- Mark Aquilina li xehed li '*aħna kellna ta' bilfors nifthu kawża kontra l-intimat għal raġuni sempliċi illi l-intimat ma riedx jgħidilna bl-ebda mod min kien il-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħlijiet, u allura bl-ebda mod ma stajna aħna nikkomunikaw mal-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet sabiex infittxu lilu*';

- Joe Cachia li xehed li '*... Ma niftakarx min kienu l-ħaddiema li kien hemm jaħdmu tagħna ...*' u '*... jiena mbagħad minn għand Dr John Attard Montalto jien ma tħallastx ta' l-aħħar xogħlijiet. U meta jien kont kellimtu għaliex ma ħallasnix qalli minħabba f' inċident u minħabba f' din il-ħġieġa li tkissret ma kienx ser iħallasni*'.

11. Il-qorti m'għandhiex dubju li dak li ġara fih innifsu hu prova li l-intimat ma nkarigax persuna ta' ħila. Li taqa' brick tal-concrete minn dak l-ogħli kollu

[9] Fol. 48.
[10] Fol. 55 et seq.

għal fuq il-proprjeta tal-attriċi, tohloq fiha nnifisha l-presunzjoni li l-kuntrattur ma ħax il-prekawzjonijiet li kien hemm bżonn biex inċident bħal dan ma jseħħx. Il-kuntrattur kif jingħata l-inkarigu għandu jippjana x-xogħol u d-dmir ukoll li jidentifika r-riskji kollha għas-saħħa u sigurta, mhux biss tal-ħaddiema tiegħu izda wkoll tal-pubbliku in ġenerali. Dmir li jibqa' jġorr kemm idum jaħdem fis-sit. Bi ftit ħsieb inċidenti bħal dak in eżami hu prevedibbli li jiġri iktar u iktar minn min bħal Joe Cachia jagħmel dak it-tip ta' xogħol, u għalhekk il-kuntrattur għandu d-dmir li jieħu l-prekawzjonijiet. Il-qorti tirreferi għall-pjanta li ppreżenta l-perit Micallef a fol. 56, minn fejn wieħed jista' jieħu ideja ċara tal-ogħli tas-sulari fejn kien qiegħed isir ix-xogħol u l-proprjeta tal-attriċi. Inċidenti bħal dawn m'għandhomx jiġru, iżda sfortunatament jiġru minħabba li per eżempju ma jsirx *risk assessment* qabel u waqt li jkun għaddej ix-xogħol. Joe Cachia xehed, *"Meta mbagħad jiena vverifikajt dwar x'ġara u x'ma ġarax il-ħaddiema li kelli hemm hekk qaluli li* ***jista' jkun li waqat xi biċċa briksa. Konna qed innadfu t-terrapien żejjed minn wara u jista' jkun li waqat xi brick waqt li kienu qed inaddfu t-terrapien.*** *Lanqas biss kienu ndunaw huma"*. Il-kuntrattur kellu wkoll id-dmir li jiddetermina kif seħħ l-inċident, iżda minn dak li qal hu evidenti li għandu d-dubju. Dan żgur ma jirrifletti xejn tajjeb fuq il-kuntrattur li jidher li ma tax wisq importanza għal dak li ġara. Il-fatt li fil-ħin tal-inċident ma kienx jinsab fil-post m'hijiex skuża ġustifikabbli. Sfortunatament f'Malta huma ħafna dawk il-kuntratturi li ma jagħtux importanza lill-*health & safety* fil-*work practice*. Dan qiegħed jagħti lok għal diversi inċidenti li bi ftit attenzjoni ma jiġrux. Min ma jieħux prekawżjonijiet bażiċi sabiex inċidenti bħal dan ma jiġrux żgur li ma jistax jissejjaħ *'persuna ta' ħila'*. Li tkun *'persuna ta' hila'* ma jfissirx biss li tagħmel xogħol li hu skond is-sengħa. L-inċident li seħħ hu prova fih innifsu li l-kuntrattur ma kellux il-kapaċita li li jwettaq ix-xogħol b'mod li joffri sigurta u bla riskju lis-saħħa ta' ħaddieħor. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti tikkonkludi li japplika l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk il-konvenut hu responsabbli wkoll.

12. Dan l-aggravju hu miċħud.

13. **It-tieni aggravju** tal-appellant huwa li *'l-prova tal-ħsara fuq il-proprjetà appellata kienet tinkombi esklussivament fuq l-istess soċjetà, li kienet obbligata li ġġib l-aħjar prova; jidher madanakollu illi tali prova ma saritx.'* Huwa jikkontendi li l-unika prova imressqa mir-rikorrenti dwar il-valur tad-dannu, ossija fattura mhux awtentikata jew ġuramentata, mhux talli ma tikkostitwix l-aħjar prova iżda lanqas hija prova valida fil-liġi. Billi, skont l-appellant, ma saritx il-prova tal-*quantum* tad-dannu allegat, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

14. L-appellata wieġbet li kuntrarjament għal dak sostnut mill-appellant intimat, jirriżultaw is-segwenti fatti ndikanti l-*quantum* tal-ħsara sofferta mis-soċjetà appellata:

   i. fir-rapport tal-Perit Edward Micallef tat-30 ta' Settembru, 2015, li jikkonferma li l-*iskylight* kien irriparabbli u kellu jsir mill-ġdid;

   ii. il-fattura għall-ħlas fejn hemm indikat l-ammont ta' €3,576.58, li huwa l-ammont reklamat mill-appellata permezz tal-proċeduri odjerni, liema fattura tindika ukoll li tali ammont tħallas fis-26 ta' Novembru, 2012 permezz ta' ċekk 76681.

15. Dwar dan, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *'Jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti esebit kont debitament imħallas minnha u maħruġ minn Andrew Vassallo General Trading Ltd u li jirrigwarda 'Supply and install skylight made from poly carbonate double glazed, size 170cm x 270 cm with clips', u fil-parti ta' isfel ta' dana id-dokument hemm miktub 'Damaged Skylight Tower Road'.*
>
> *Jirriżulta illi fl-affidavit tal-Perit Edward Micallef, issir referenza għal fatt illi l-iskylight kienet saritilha ħsara estensiva u di fatti esebixxa serje ta' ritratti illi juru l-ħsara illi dina soffriet riżultat tal-fatt illi waqgħet 'brick' mill-proprjetà ta' l-intimat għal isfel.*
>
> *Jirriżulta illi l-intimat, fid-difiża tiegħu, saħaq illi ħadd ma kkonferma l-invoice illi tidher a fol 48 tal-proċess, u fuq imsemmija u ma hemm ebda indikazzjoni illi attwalment dina hija relatata ma' l-iskylight meritu tal-kawża odjerna.*
>
> *Jirriżulta, madanakollu, illi d-deskrizzjoni illi tidher fl-invoice, kemm dik imniżżla oriġinalment mill-kuntrattur illi għamel l-iskylight, kif ukoll minn dak mħażżeż taħt minn terza persuna mhux magħrufa, lkoll jikkombaċjaw ma' l-iskylight illi tidher fir-ritratti kif esebiti mill-Perit Edward Micallef.*
>
> *Jirriżulta, għalhekk, illi filwaqt li huwa minnu illi ħadd ma kkonferma l-awtenticita' tad-dokument, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi tali invoice tirrigwarda l-iskylight meritu tal-kawża odjerna.'*

16. Il-ġurisprudenza tgħallem li kull prova hi ammissibbli jekk hi loġikament rilevanti għall-kwistjoni bejn il-partijiet.[11] F'każ li l-Qorti tkun tal-fehma li prova mhix rilevanti, jew hija żejda, jew mhix l-aħjar prova li tista' tinġieb, a tenur tal-artikolu 560 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hija għandha tiċħad li tinġieb.

[11] ***Sciberras Gino vs Catania Josephine,*** Qorti tal-Appell (Inferjuri), deċiża fil-5 ta' April 2006

17. Dwar l-ilment tal-intimat li l-fattura ma ġietx maħlufa jew awtentikata, l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li:

> *'Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, kolleġġjalment komposta, fil-kawża fl-ismijiet "**Carmel Camilleri –vs Leone Pillow**", 7 ta' Ottubru 1997, dik il-Qorti kienet hemm irriteniet illi "l-konferma bil-ġurament mhiex rekwiżit sine qua non għall-ammissibilità bħala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti għandha tkun libera li taċċettahom u li tagħmel l-inferenzi li leġittimament hu konsentit li tagħmel".'*[12]

18. Fil-każ odjern waqt is-smiegħ tal-provi l-konvenut m'oġġezzjonax għad-dokument li l-attriċi ppreżentat. Ladarba tali prova tinsab in atti u ma ġietx kontestata mill-appellant, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-qorti biex tillikwida d-danni a bażi ta' dak id-dokument. Dan dejjem meħud in konsiderazzjoni li waqt is-smiegħ tal-provi ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li effettivament ir-rikorrenti sofriet ħsara fl-ammont ta' €3,576.58.

19. Effettivament il-fattura in kwistjoni maħruġa minn Andrew Vassallo General Trading Ltd. fis-6 ta' Lulju 2012 u mmarkata 'paid 26 Nov 2012 76681' fl-ammont ta' €3,576.58 għal '*supply and install skylight made from poly carbonate double glazed,size 170cm x 270cm with clips'* li fuqha hemm indikat bil-biro '*Damaged skylight Tower Rd*'[13] taqbel mal-*iskylight* illi jidher fir-ritratti eżebiti mill-Perit Micallef. Din il-Qorti għalhekk, ma tara xejn illoġiku jew irraġonevoli fil-fatt li l-Ewwel Qorti waslet għall-konviċiment li, minkejja li ħadd ma kkonferma l-awtenticità tal-fattura in kwistjoni, tali invoice indubjament tirrigwarda l-iskylight meritu tal-kawża odjerna u li għalhekk l-intimat għandu jagħmel tajjeb għall-ammont hemm indikat.

20. Dan l-aggravju huwa għalhekk ukoll miċħud.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

---

[12] ***Allied Insurance Agency Limited vs Borg Grech Evellina***, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża fl-10 ta' Marzu 2004.

[13] Fol. 48